



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/0274(COD)

2.7.2013

EMENDI TA' KOMPROMESS 1-6

**Abbozz ta' rapport
Victor Boştinaru
(PE486.124v02-00)**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006

Proposta għal regolament
(COM(2011)0612 – C7-0325/2011 – 2011/0274(COD))

AM\942274MT.doc

PE514.834v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_LegCompr

Emenda 1

Victor Boštinaru

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Tajjeb li jitfakkar li fejn miżuri msejsa fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat jinvolvu spejjeż meqjusa bħala sproporzjonati għall-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru u l-appoġġ finanzjarji mill-Fond ta' Koeżjoni jiġi provdut skont l-Artikolu 192(5), għandu japplika xorta waħda l-prinċipju li min iniġġes iħallas.

Or. en

Emenda 2

Victor Boštinaru

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi tal-Fond ta' Koeżjoni, u f'linja mal-istrateġija Ewropa 2020 fejn il-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġja l-bżonn li jitwassal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, huwa neċessarju li jiġu stipulati l-prijoritajiet ta' investment fl-ambitu tal-oġġettivi tematiċi stipulati fir-Regolament (UE) Nru [...]/**2012** [CPR].

(6) Sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċifiċi tal-Fond ta' Koeżjoni, u f'linja mal-istrateġija Ewropa 2020 fejn il-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġja l-bżonn li jitwassal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, huwa neċessarju li jiġu stipulati l-prijoritajiet ta' investment fl-ambitu tal-oġġettivi tematiċi stipulati fir-Regolament (UE) Nru [...]/**2013** [CPR]. ***Dawn il-prijoritajiet ta' investment għandhom jistabbilixxu oġġettivi dettaljati, li ma jeskludux lil xulxin, li l-Fond ta' Koeżjoni għandu jikkontribuwixxi għalihom. Dawn il-prijoritajiet ta' investment għandhom jiffurmaw il-bażi għad-definizzjoni ta' oġġettivi speċifiċi fi ħdan programmi***

operattivi li jqisu l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi tal-qasam tal-programm. Biex tiżdied il-flessibilità u jitnaqqas il-piż amministrattiv billi jingħata lok lill-implimentazzjoni konġunta, l-FEŻR u l-prijoritajiet ta' investiment tal-Fond ta' Koeżjoni taħt l-oġettivi tematiċi korrispondenti għandhom ikunu allinjati.

Or. en

Emenda 3

Victor Boştinaru

Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *il-protezzjoni* tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi:

Emenda

(c) *il-preservazzjoni u l-protezzjoni* tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi *permezz ta'*:

Or. en

Emenda 4

Victor Boştinaru

Compromise amendment

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u *ta'* amministrazzjoni pubblika effiċenti permezz ta' tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi relatati mal-implimentazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni.

Emenda

(e) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali *tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet konċernati* u amministrazzjoni pubblika effiċenti permezz ta' tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi relatati mal-implimentazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni.

Emenda 5
Victor Boştinaru

Emenda ta' kompromess

Proposta għal regolament
Anness – intestatura 2 – subintestatura 2 – kolonna 2

Test propost mill-Kummissjoni

UNITÀ	DENOMINAZZJONI
kWh/sena	Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' bini pubbliku

Emenda

UNITÀ	DENOMINAZZJONI
kWh/sena	Tnaqqis fil-konsum annwali tal-enerġija primarja ta' bini pubbliku

Emenda 6
Victor Boştinaru

Emenda ta' kompromess li tissostittwixxi l-Emenda 51

Proposta għal regolament
Anness – intestatura 2 – subintestatura 3

Test propost mill-Kummissjoni

	UNITÀ	DENOMINAZZJONI
tnaqqis fil-GHG	f' tunnelli ta' CO ₂ eq	It-tnaqqis stmat tal-GHG f'CO₂ ekwivalenti

Emenda

	UNITÀ	DENOMINAZZJONI
tnaqqis fil-GHG	f' tunnelli ta' CO ₂ eq	It-tnaqqis stmat annwali tal-GHG

